# BOMBA ATOMIKA

Lil Maurice Gambin, li kiteb fuqha
f'*Leħen il-Malti* 182-184.

" Inferior powers — I was going to say
" infernal powers — plotted an inverse ex-
" perience for mankind." (*Henri Bergson*).

*Bomba tal-għaġeb, wild din l-aħħar gwerra,*
*Sultana kbira ta' tiġrif u dnewwa:*
*Int b'għerf u ħila kemm ukoll bil-ħerra*
*Tfarrakt fuq min le ried is-sliem bis-sewwa.*

*Bomba qawwija int ta' qirda kbira,*
*Kif juri fdal l-ilbliet ta' Hiroshima*
*U Nagasaki. F'dinja ġa wisq fqira,*
*Mill-hena u sliem, ħadd ma jagħtik tislima!*

*Bomba tal-biża', kullimkien magħrufa*
*Għas-setgħa tiegħek fost il-ġnus kotrana:*
*Tħallix qawwietek tkun f'theddid mitlufa,*
*Jew għodda fost xi ġnus għall-ġlied għatxana!*

*Bomba atomika, inti ġa misħuta*
*Jekk tkun darb'oħra fuq in-nies mixħuta!*

Villa Lija. M. Agius.